MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2013

Numru. 14/2013

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)

versus

**Jomic Calleja** li għandu numru tal-karta tal-identità 565185(M), ta’ 27 sena, iben Alfred u Helen née Farrugia, imwieled Pietà nhar it-18 ta’ Novembru 1985 u residenti 198, Triq Santa Katerina, Ħal Qormi, Malta.

Illum 2 ta’ Frar 2013

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba kontra l-imsemmi Jomic Calleja li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar l-25 ta’ Jannar 2013, u f’ xi ħin bejn il-ħamsa u kwart ta’ filgħaxija (5.15 p.m.) u s-sebgħa ta’ filgħaxija (7.00 p.m.) waqt li

kien qiegħed ġewwa r-Rabat, Għawdex u / jew fil-viċinanzi –

1. Iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus falsifikat, liema biljett tal-flus falsifikat huwa tal-valuta Euro, li kien jaf li hu falsifikat u dan bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittma jew raġonevoli xtara jew irċieva mingħand xi persuna jew kellu fil-pussess tiegħu, biljett tal-flus valuta Euro falsifikat, meta kien jaf li l-istess huwa ffalsifikat bi ksur tal-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares xi waħda, jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja, Maġistrat Dottor M. Hayman LL.D. nhar it-3 ta' Marzu 2011, wara li ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix dellitt/i ta' natura volontarja.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u ċioé estratt mill-att tat-twelid tal-imputat; okkorenza relattiva għal dan il-każ; stqarrija rilaxxata mill-imputat ilbieraħ lill-istess Spettur Spiteri u l-flus inkwistjoni li ġew esebiti formalment;

Semgħet lill-akkużat preżenti fl-awla jammetti l-akkużi kif dedotti u dana wara li l-Qorti wissietu fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u wara li tatu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha hu xorta baqa' jtenni dik it-tweġiba;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat il-verbal tad-Difiża magħmul illum ukoll;

Il-Qorti, għalhekk issib lill-imputat ħati tal-akkużi kif dedotti, b'dana illi t-tieni akkuża hija kompriża u involuta fl-ewwel akkuża;

In vista tal-verbal magħmul mid-Difiża dwar l-ammissjoni, wara li rat l-artikolu 45(1) fil-proviso tiegħu tal-Kap 204, tqiegħed lill-imputat fuq ordni ta' probation a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap 446 u dana għal perjodu ta' tlett (3) snin b'effett mil-lum.

Rigward it-tielet akkuża, timmultah għall-ammont ta' mitejn ewro (€200) u rigward ir-raba' akkuża ta' recediva, wara li rat l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 għal multa ta' ħames mitt ewro (€500).

Fuq talba tad-Difiża għal żmien għall-ħlas, il-Qorti tikkonċedi żmien tlett (3) xhur mil-lum sabiex isir il-pagament ta' dawn iż-żewġ multi.

Il-Qorti, fl-aħħarnett tornda d-distruzzjoni tal-flus foloz li ġew ikkonfiskati.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------